

**Digriet tal-President tal-Qorti Ĝeneralni tal-11 ta' Novembru  
2013 — CSF vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-337/13 R)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà tal-komsumaturi u tal-ħaddiem sabiex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mill-użu ta’ magni — Miżura adottata mill-awtoritajiet Daniżi li tiprojebixxi tip ta’ makkinarju multifunzjonali li jintuża għat-tħaffir u għall-ġarr ta’ materjal li ma għandux struttura ta’ protezzjoni adatta — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-miżura ġġustifikata — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta’ urġenza”)

(2014/C 15/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: CSF Srl (Grumolo delle Abbadesse, l-Italja) (rappreżentanti: R. Santoro, S. Armellini u R. Bugaro, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: G. Zavvos, aġent, assistit minn M. Pappalardo, avukat)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/173/UE, tat-8 ta’ April 2013, dwar miżura adottata mid-Danimarka skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiprojebixxi tip ta’ makkinarju multifunzjonali li jintuża għat-tħaffir u l-ġarr ta’ materjal (ĠU L 101, p. 29).

**Dispożittiv**

(1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

(2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta’ Ottubru 2013 — Inclusion Alliance for Europe vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-539/13)

(2014/C 15/29)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Inclusion Alliance for Europe GEIE (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: S. Famiani, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tas-17 ta’ Lulju 2013, li permezz tagħha hija eżiġiet il-ħlas tas-somma totali ta’ EUR 212 411,89 għall-proġetti Nru 224482, bl-isem MARE (EUR 80 352,07), għall-proġetti Nru 216820, bl-isem SENIOR (EUR 53 138,40) u għall-proġetti Nru 225010, bl-isem ECRN (EUR 78 231,42); u
- tikkundanna lill-KE għall-kumpens tad-dannu patrimoniali u morali subit, ta’ EUR 3 000 000, jew ta’ ammont li għandu jiġi kkwantifikat fil-mori tal-kawża, u tikkundannha, barra minn hekk, għall-ħlas tal-ispejjeż, flimkien mal-interessi u b’tieħid inkunsiderazzjoni tal-inflazzjoni monetarja fuq is-somom mogħtija.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-kumpannija rikorrenti f'din il-kawża, li pparteċipat fi tliet proġetti approvati fil-kuntest tas-seba’ programm-qafas tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013), tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni intiża għall-ħlas lura parżjali tal-għajnejha mogħtija.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tmien motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq l-inapplikabbiltà u l-assenza ta’ effetti tal-Gwida Finanzjarja tal-2010 fir-rigward tal-proġetti MARE u SENIOR.
- F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti tinvoka l-assenza ta’ effetti retroattiv tal-Gwida Finanzjarja tal-2010, sa fejn kellhom jiġi applikati l-Gwidi tal-2007, li kienu fis-seħħi fì żmien li saret is-sottoskrizzjoni tal-kuntratti.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq ir-rifjut, mill-KE u mill-kumpannija responsabbli għall-awditu, tad-dritt għal smiġħ tar-rikorrenti.
- F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-KE ma osservatx ir-regoli tal-Anness II tal-kuntratt, kemm f'dak li jikkonċerna d-dritt għal smiġħ, kif ukoll f'dak li jikkonċerna l-observanza tat-termini għall-preżentazzjoni tar-rapporti.
- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ kooperazzjoni u ta’ fiduċċja reċiproka tal-KE fir-rigward tar-rikorrenti, f'dak li jikkonċerna b'mod iktar partikolari amministrazzjoni ħażina u attitudni ta’ suspect li tikkawża preġudizzju.